IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 49

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar (5:30pm) nhar **it-Tlieta 5 ta' Lulju 2022**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**SKUŻAT:**

Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**49.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

49.1.1 Il-Kunsillier s-Sur Jason Portelli talab biex ikun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol. Apoloġija approvata.

**49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

49.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 48 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**49.3 Korrispondenza**

49.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Group Life Policy għall-membri eletti tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li din ssir.

49.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mitja Bukovec dwar il-proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, 'Seven European Countries – One Identity'. Il-proġett se jkun qed isir fil-jiem tal-Birgufest 2022 u għalih se jattendu madwar tletin delegat (inkluż Maltin) minn pajjiżi differenti msieħba f'dan il-proġett li huma: Spanja, Italja, Kroazja, Greċja, Serbja u s-Slovenja.

49.3.3 Preżentata stima għal 250 basket tal-karti bl-arma tal-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex fihom jingħataw xi tifkiriet għal delegati li jzur l-kunsill. L-istima ġiet approvata mis-Sindku u l-kunsilliera preżenti.

49.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Inġinier Trustin Farrugia Cann fejn ikkonferma li l-parti tal-konkos fil-Pjazza tal-Birgu ser tinqala' u terġa' tingħata kisja konkos mill-ġdid.

49.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku John Boxall lill-President tar-Reġjun Port is-Sur Pawlu Farrugia rigward l-applikazzjoni tal-Birgu għall-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031 li għaliha l-kunsill għadu ma rċeviex risposta.

49.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku John Boxall lis-Sinjura Angele Abela, Segretarja tal-Onor. Ministru Owen Bonnici, dwar il-Fortizza tas-

Salvatur u l-kappella li tinsab fi ħdana sabiex isir restawr urġenti taż-żona qabel ma tkompli ssir aktar ħsara u jintilef dan il-wirt storiku li jinsab fil-Birgu.

49.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta lill-Ministru l-Onor. Miriam Dalli dwar ic-charging pillars proposti għall-Birgu sabiex tinġibed l-attenzjoni li ż-żoni li fihom qed jiġu proposti mis-Sovratindenza għall-Wirt Nazzjonali li jitwaħħlu dawn il-pillars, huma 'l bogħod mill-qalba tal-lokal u li għaldaqstant mhux se jkunu viċin biex jintużaw mir-residenti. Għaldaqstant il-kunsill ippropona ħdax-il lokazzjoni madwar il-Birgu inkluż iż-żona ta' Fuq tal-Ħawli.

49.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Enzo Cachia fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jinforma lill-kunsill li bħalissa fid-Development Planning Fund assoċjat mal-Kunsill Lokali tal-Birgu hemm bilanċ ta' €32,656.01 (tnejn u tletin elf, sitt mija u sitta u ħamsin Ewro u ċenteżmu).

49.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Eman Zerafa, Segretarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi Birgu sabiex tingħata 'No Objection' għall-ispettaklu tas-6 ta' Awwissu li jsir wara l-marċ fejn din id-darba qed ikun mitlub li jsir fi Triq it-Torri ta' San Ġwann. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti ma sabu ebda oġġezzjoni.

49.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar iż-żjara tal-President tal-Kunsill Ewropew nhar it-22 ta' Lulju 2022, sabiex min hu interessat, jattendi għall-kunċert li se isir għal din l-okkażjoni.

49.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Ministru l-Onor. Owen Bonnici b'risposta għall-ittra li s-Sindku John Boxall bgħat dwar is-sitwazzjoni ta' Triq l-Antika fil-Birgu. Il-Ministru nforma lis-Sindku li Triq l-Antika ma kinetx parti mil-lista ta' toroq meta sar il-Collachio.

49.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Aġenżija Żgħażagħ dwar *DiGY Multiplier Event* li se ssir nhar it-13 ta' Lulju 2022 u li għaliha huwa mistieden il-kunsill lokali. Il-Kunsillier s-Sur Trevor Mizzi qal li għal din l-attività ser jattendu żewġ żgħażagħ, Jenson Elsworth u Martha Agius.

49.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Daniela Said minn Teatru Salesjan fejn qed jipproponu li ssir sessjoni ta' żfin fil-Birgu għall-anzjani. Is-Sindku ippropona li din tista' ssir fil-Youth Centre f'waħda mil-laqgħat li jsiru mill-Caritas għall-anzjani. Il-kunsilliera preżenti qablu fuq din il-proposta.

49.3.14 Preżentata korrispondenza mis-Sur Matthew Dimech b'ritratt tal-hub tal-fliexken tal-plastic biex tiġi nstallata fil-Birgu. Ir-ritratt jindika li din hija struttura kbira u għaldaqstant ġie maqbul li din issir fil-post propost fi Triq l-Assedju l-Kbir.

49.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Miguel Cachia mill-kumpanija POPP sabiex issir *craft beer event* f'Couvre Porte nhar is-Sibt 30 ta' Lulju 2022. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti ma' sabu l-ebda oġġezzjoni.

49.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Rita Micallef rigward il-proġett Ikber Magħna. Is-Sindku qal li minħabba l-proġett ta' restawr tal-Berġa tal-Ingilterra ikun aħjar jekk is-sessjonijiet tul is-sajf jieqfu sakemm jitlesta x-xogħol. Il-kunsilliera preżenti qablu.

49.3.19 Preżentata korrispondenza dwar il-ktieb 'Life with Oscar', bl-Ingliż, li se jkun fih parti mill-istorja tal-Kavallieri fil-Birgu mil-lenti tal-ħajja ta' pappagall. Dan il-ktieb se jiġi ppublikat minn Heritage Malta filwaqt li l-kunsill se jkun qed jixtri ħames mitt (500) kopja bi prezz ridott. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

49.3.20 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Godwin Spiteri dwar l-applikazzjoni PA/08469/21 għal Class 4C wine bar fi Triq San Lawrenz kantuniera ma' Triq il-Ħabs l-Antik.

49.3.21 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku John Boxall lis-Sur Jan Briers, President tal-*European Festivals Association* sabiex juri l-apprezzament għall-istedina li saret biex il-kunsill lokali jattendi għall-*Arts Festival Summit* fl-Armenja. Is-Sindku qal li kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa, il-Professur Frank Camillieri ġie avviċinat u aċċetta li jattendi għal dan is-summit. Is-Sindku rrimarka li din se tkun xi ftit ta' spiża minħabba t-titjiriet lejn l-Armenja.

**49.4 Birgufest 2022**

49.4.1 Is-Sindku preżenta kwotazzjoni ta' band għall-Ġimgħa 7 ta' Ottubru waqt l-attività tal-Birgufest. Din il-band iddoqq mużika rock klassiku u mużika tal-Pink Floyd.

49.4.2 Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li t-Tnejn 11 ta' Lulju 2022, issir laqgħa mhux uffiċjali tal-kunsill sabiex jiġi diskuss programm għal din l-attività u jiġu mistiedna wkoll persuni li jistgħu jgħinu fl-organizazzjoni ta' din l-attività.

49.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-kunsill il-Ftehim ta' Aċċettazzjoni għall-iskema għal Attivitajiet Kulturali Annwali 2022, maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, li l-kunsill kien applika għaliha. Minn din l-iskema l-kunsill se jkun qed jibbenefika s-somma ta' €29,501.84 (disgħa u għoxrin elf, ħames mija u ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu) sabiex issir din l-attività.

**49.5 Jum il-Birgu 2022**

49.5.1 Is-Sindku qal li se tkun qed tissejjaħ laqgħa mal-Parroċċa ta' San Lawrenz

**49.6 Aġġornament Proġett tal-Bandli**

49.6.1 Is-Sindku qal li l-proġett tal-bandli kien kwazi lest u kien jonqos biss it-tapit għal naħa minnhom tal-bandli. Għaldaqstant is-Sindku ressaq kwotazzjonijiet differenti sabiex jinxtara u jitwaħħal dan it-tapit. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li tintgħażel l-irħas kwotazzjoni ta' dan it-tapit.

49.6.2 Is-Sindku ressaq ritratti ta' kamra tal-injam maħduma lesta, li tinxtara żarmata u tintrama fil-post sabiex tkun installata fil-bandli fil-kantuniera mal-Appoġġ. F'din il-kamra huwa maħsub li tkun miżmuma l-magna għat-tindif u xi għodda oħra. Il-kunsilliera preżenti qablu li din il-kamra tinxtara.

**49.7 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

49.7.1 Is-Sindku ressaq ritratt ta' lifter żgħira (għodda) biex jinfetħu t-tappieri tat-toroq speċjalment fiż-żona tal-Collacchio fejn sar il-proġett tal-pavimentar. Din hija utli minħabba l-problema li hemm fit-tappieri peress li qed tkun diffiċli li dawn jinfetħu. Il-kunsilliera preżenti qablu li din tinxtara.

49.7.2 Preżentata l-applikazzjoni taħt l-iskema **SPI/SCI/5/2022** Finanzjament għal xogħlijiet ta' manutenzzjoni fuq funtani fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Permezz ta' din l-iskema, la darba tiġi approvata, se tkun qed tiġi restawrata mill-ġdid il-funtana li tinsab fil-Foss tal-Birgu li bħalissa mhix qed taħdem. Is-Sindku

flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu ma' din l-applikazzjoni u mal-proġett propost.

49.7.3 Il-Kunsillier Anton Gellel informa lill-kunsill li qed jistenna stima tax-xogħlijiet biex titranġa l-problema tad-dranaġġ tas-Sur John Galea fi Triq it-Torri ta' San Ġwann.

49.7.4 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel ġibed l-attenzjoni li l-Monument tal-Ħelsien qed jixgħel tard u li għandhom bżonn żabra mill-ħaxix ħażin li reġa' kiber.

49.7.5 Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi ġibed l-attenzjoni li fi Triq San Dwardu hemm partijiet mis-sleeping police li inqalgħu u li għandhom bżonn jerġgħu jitwaħħlu. Talab ukoll sabiex isiru imqar żewġ tabelli li fiż-żona jaqsmu l-qtates.

49.7.6 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel ġibed l-attenzjoni li t-tappiera f'tarf Triq il-Mina l-Kbira qed iċċedi u għaldaqstant hemm bżonn li tingħata attenzjoni u titranġa.

49.7.7 Il-Kunsillier Anton Gellel ġibed l-attenzjoni li ż-żebra cross li hemm fil-parti ta' fuq fi Triq San Lawrenz hija perikoluża peress li dik il-parti tat-triq hija mudlama u n-nies ma jidhrux qed jaqsmu. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li din titneħħa ankè għax fil-post hemm waqfa ta' tal-linja.

49.7.8 Is-Sindku tkellem dwar l-arblu bil-bandiera tal-Kalkara fuq il-mina li tagħti għall-Kalkara stess qrib il-Forti tas-Salvatur. Wara diskussjoni twila, is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu li wara li tgħaddi l-festa tal-Kalkara, isiru t-taħdidiet neċessarji sabiex dan l-arblu jitneħħa u jitwaħħal wieħed mill-Kunsill Lokali tal-Birgu u titla' l-bandiera tal-Birgu peress li dik il-mina tagħmel parti mill-konfini tal-Birgu.

49.7.9 B'referenza għal punt 48.3.6 mill-minuti tal-laqgħa numru 48, is-Sindku qal li jinsab xettiku dwar il-lift tal-Berġa ta' Franza minħabba l-fatt li se jinħlew tlett ikmamar sabiex isir dan il-lift. Wara diskussjoni fuq is-suġġett, il-Kunsillier s-Sur Trevor Mizzi qal li qabel tittieħed deċiżjoni, għandhom jiġu konsultati mill-ġdid is-Sovratindenza għall-Wirt Nazzjonali dwar possibilità li l-lift isir f'parti oħra. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-lift ma jsirx.

49.7.10 B'referenza għal punt 48.3.10 mill-minuti tal-laqgħa numru 48, is-Sindku qal li ma rċieva ebda risposta mis-Sur Ramon Deguara rigward il-latrina pubblika fi Triq San Dwardu.

49.7.11 B'referenza għal punt 48.8.6 mill-minuti tal-laqgħa numru 48, is-Sindku qal li huwa flimkien mal-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel marru jaraw id-dinosawru li l-Malta Film Commission tixtieq tinstalla fi Triq San Lawrenz. Wara diskussjoni dwar is-suġġett, il-kunsilliera preżenti qablu li dan ikun installat fejn ġiet propost, jiġifieri, qrib il-Monument tal-Ħelsien.

49.7.12 Il-Viċi Sindku Chris Cassar ġibed l-attenzjoni li fil-Birgu hawn wisq parkeġġi riservati tal-Blue Bagde speċjalment għal nies li jidhru kuljum jimxu mingħajr ebda problemi. Il-Viċi Sindku ppropona li tinġieb lista mingħand Transport Malta tal-persuni li jżommu din il-badge sabiex tiġi kkonfermata hux vera li għandhom bżonn jew le.

49.7.13 Il-Kunsillier s-Sur Anton Gellel ġibed l-attenzjoni li meta ssir il-ġabra tal-ħġieġ, uħud mir-residenti qed jużaw kaxxi tal-kartun li wara li jinġabar il-ħġieġ, dawn qed jibqgħu fit-toroq. Għaldaqstant s-Sur Gellel propona biex tintbagħt ittra lir-residenti biex issir enfasi li jużaw il-kontenituri li qassmu l-Wasteserv u jekk hawn min m'għandux, jiġi jiġbor wieħed mill-kunsill. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu fuq din il-proposta.

49.7.14 Il-Kunsillier s-Sur Trevor Mizzi ġibed l-attenzjoni li fil-Vittoriosa Waterfront qed ikun hemm konġestjoni kbira ta' traffiku. Is-Sur Mizzi ppropona biex il-Grand Harbour Marina tinstalla sensors tal-parkings fil-parkeġġ ta' taħt Sant' Anġlu biex il-pubbliku jkun infurmat hemmx parkeġġi jew le qabel jidħol fit-triq tal-Waterfront.

49.7.15 Is-Sindku ppropona biex tinħareġ sejħa interna għal Skala 11 fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Birgu. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.

49.7.16 Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar l-abbozz għall-Monument ta' Ġorġ Agius. Is-Segretarju spjega kif l-artist Joe Galea jista' jibda jaħdem wara Awwissu u jixtieq ftit żmien sabiex joħroġ bl-aħjar idea u abbozz għal dan il-monument. Is-Segretarju spjega li dan mhux xogħol li jsir fi żmien qasir iżda jirrikjedi ħsieb u żmien.

49.7.17 Is-Sindku ressaq messaġġ li rċieva personalment mingħand is-Sur Daniel Orsini sabiex jekk il-kunsill lokali jkollu bżonn, lest li joffri ħaddiema għat-tindif. Dan il-messaġġ ma ngħatax attenzjoni la darba l-kunsill għandu l-kuntrattur li jnaddaf it-toroq.

49.7.18 Is-Sindku ressaq ritratti ta' magna tat-tindif (hoover) għat-toroq tal-Birgu sabiex jagħti idea ta' dak li kien qed jispjega biex tinxtara fil-laqgħa preċedenti u li fuqha ttieħdet deċiżjoni li jinħareġ tender sabiex tinxtara din il-magna.

**49.8 Approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti**

49.8.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 41** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6309** sa **BOV 6320** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**49.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

49.9.1 Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tnejn 25 ta` Awwissu 2022 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **25 ta' Awwissu 2022.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |